

Brussell, 2 ta' Lulju 2019  
(OR. en)

10156/19

ECOFIN 611  
UEM 214  
SOC 463  
EMPL 352  
COMPET 492  
ENV 582  
EDUC 298  
RECH 331  
ENER 335  
JAI 692  
FSTR 114  
REGIO 150

**NOTA**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	9927/19 - COM(2019) 503 final
Suġġett:	Rakkomandazzjoni għal RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tar-Repubblika Ċeka għall-2019 u li tagħti l-opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tar-Repubblika Ċeka għall-2019

---

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż l-abbozz ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill imsemmi hawn fuq, kif rivedut u maqbul minn diversi kumitati tal-Kunsill, abbażi tal-Proposta tal-Kummissjoni COM(2019) 503 final.

## **RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL**

### **dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma għall-2019 taċ-Ċekja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2019 taċ-Ċekja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-risoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

---

<sup>1</sup> ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

Billi:

- (1) Fil-21 ta' Novembru 2018, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-2019. Ħadet kont dovut tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ipproklammat mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni fis-17 ta' Novembru 2017. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir ġew approvati mill-Kunsill Ewropew fil-21 ta' Marzu 2019. Fil-21 ta' Novembru 2018, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>2</sup>, il-Kummissjoni adottat ukoll ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih hija ma identifikatx liċ-Ċekja bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kellha titwettaq analiżi fil-fond.
- (2) Ir-rapport għal kull pajjiż tal-2019 għaċ-Ċekja ġie ppubblikat fis-27 ta' Frar 2019. Huwa vvaluta l-progress taċ-Ċekja fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fit-13 ta' Lulju 2018<sup>3</sup>, is-segwitu mogħti lir-rakkomandazzjonijiet adottati fis-snin preċedenti u l-progress taċ-Ċekja lejn il-miri nazzjonali tal-Ewropa 2020.
- (3) Fit-30 ta' April 2019, iċ-Ċekja ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha għall-2019 u l-Programm ta' Konverġenza tal-2019 tagħha. Biex jiġu kkunsidrati r-rabtiet ta' bejniethom, iż-żewġ Programmi ġew ivvalutati fl-istess żmien.

---

<sup>2</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25).

<sup>3</sup> ĠU C 320, 10.9.2018, p. 12.

- (4) Rakkomandazzjonijiet speċifiċi rilevanti għall-pajjiż ġew indirizzati fl-ipprogrammar tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej ("Fondi SIE") għall-perijodu 2014-2020. Kif previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>4</sup>, fejn ikun neċessarju li jingħata sostenn għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru li jirrieżamina l-Ftehim ta' Sħubija u l-programmi rilevanti tiegħu u jipproponi emendi għalihom. Il-Kummissjoni pprovdiet iktar dettalji dwar kif tagħmel użu minn dik id-dispożizzjoni fil-linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effettività tal-Fondi SIE ma' governanza ekonomika tajba.

---

<sup>4</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jstabilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

(5) Attwalment iċ-Ċekja tinsab fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Fil-programm ta' Konverġenza tiegħu tal-2019, il-gvern qed jistenna li jiċċaqtaq minn bilanċ baġitarju ta' 0,3 % tal-prodott domestiku gross (PDG) fl-2019 għal defiċit ta' 0,2 % fl-2020, li huwa previst li jonqos gradwalment għal 0,5 % sal-2022. Abbażi tal-bilanċ strutturali rikalkulat<sup>5</sup>, l-objettiv baġitarju fuq terminu medju ta' żmien – li nbidel minn defiċit strutturali ta' 1 % fl-2019 għal 0,75 % tal-PDG mill-2020 – ikompli jinqabeż matul il-perijodu tal-programm. Skont il-Programm ta' Konverġenza tal-2019, id-dejn pubbliku bħala proporzjon tal-PDG huwa mistenni jonqos gradwalment għal 29,7 % fl-2022. Ix-xenarju makroekonomiku li jirfed dawn il-projezzjonijiet baġitarji huwa plawsibbli. Ir-riskji għall-kisba tal-miri baġitarji jidhru li huma ġeneralment ibbilanċjati, bi tkabbir ulterjuri mistenni fil-pagi pubbliċi u trasferimenti soċjali li jikkuntrastaw ma' tnaqqis żgħir fid-dħul totali bħala sehem mill-PDG. Abbażi tat-tbassir tar-rebbiegħa tal-2019 tal-Kummissjoni, il-bilanċ strutturali huwa mbassar li ser imur għall-aġar għal madwar -0,1 % tal-PDG fl-2019 u għal -0,4 % tal-PDG fl-2020 biex b'hekk jibqa' oġġla mill-objettiv baġitarju fit-terminu medju. Komplessivament, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li fl-2019 u fl-2020 iċ-Ċekja hija mistennija li tikkonforma mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.

---

<sup>5</sup> Il-bilanċ nett aġġustat ċiklikament ta' miżuri ta' darba u temporanji, ikkalkulat mill-ġdid mill-Kummissjoni b'metodoloġija miftiehma b'mod komuni.

- (6) Iċ-Ċekja qed taffaċċja riskji medji għas-sostenibbiltà fiskali tal-finanzi pubbliċi fuq terminu twil, prinċipalment minħabba l-ispejjeż tat-tixjiħ. In-nefqa fuq il-pensjonijiet hija l-fattur ewlieni li jaffettwa b'mod negattiv is-sostenibbiltà fit-tul, peress li hija mistennija li tikber b'madwar żewġ (2) punti perċentwali tal-PDG sal-2070. Ir-riskji fit-tul jirriżultaw mid-demografija mhux favorevoli flimkien mal-limitu massimu tal-età statutorja tal-irtirar għal 65 sena. B'riżultat ta' dan, il-proporzjon ta' dipendenza fix-xjuħija, li jqabbel il-persuni anzjani mal-popolazzjoni attiva kważi jirdoppja, u ser jilħaq madwar 50 % fl-2070. Miżuri reċenti jtejbju l-adeqwatezza tal-pensjonijiet. Flimkien ma' indiċjar aktar ġeneruż tal-benefiċċji tal-pensjoni, il-gvern żied l-ammont bażiku tal-pensjoni u żied il-pensjonijiet għal pensjonanti ta' età akbar. Madankollu, dawn il-passi mhumiex akkumpanjati minn politiki li jtejbju s-sostenibbiltà. Pereżempju, l-allinjament bejn il-kisbiet fl-istennija tal-għomor u l-età statutorja tal-irtirar mhuiwix awtomatiku. Bħalissa, kwalunkwe bidla fl-età tal-irtirar (irtirar statutorju u bikri) trid tiġi proposta mill-gvern u approvata mill-Parlament. Miżuri bħal dawn jistgħu wkoll jiġu kkombinati ma' politiki tas-suq tax-xogħol li jappoġġaw karrieri tax-xogħol itwal u l-parteċipazzjoni ta' gruppi sottorappreżentati. Iż-żieda prevista fin-nefqa pubblika relatata mal-età fuq il-kura tas-saħħa tammonta għal 1,1 punti perċentwali tal-PDG sal-2070, li tnaqqas ukoll is-sostenibbiltà fiskali fit-tul. F'dan il-kuntest, aktar konsolidazzjoni tas-settur tal-isptarijiet u investiment fis-saħħa primarja u integrata u l-kura soċjali jistgħu jtejbju l-kosteffettività tas-sistema tal-kura tas-saħħa.
- (7) Il-Bank Nazzjonali Ċek jista' jstabilixxi limiti ta' rakkomandazzjoni makroprudenzjali għas-self ipotekarju, iżda skont il-leġislazzjoni attwali, is-setgħat ta' sanzjonar tiegħu huma limitati peress li ma għandux l-awtorità formali li jinforzohom. Filwaqt li b'mod ġenerali l-banek Ċeki jikkonformaw mar-rakkomandazzjonijiet, x'aktarx li limiti leġislattivi vinkolanti jżidu l-livell ta' konformità fost il-banek Ċeki, u provdituri tas-self b'ipoteka oħra, filwaqt li jiżguraw stabbiltà finanzjarja u riskji mnaqqsa għal min jissellef. Proposta leġislattiva, li temenda l-Att dwar il-Bank Nazzjonali Ċek, għadha qed tiġi diskussa.

- (8) Minkejja titjib żgħir, il-korruzzjoni għadha ta' tħassib għan-negozji u tista' tfixxkel l-attività ekonomika. Mil-lat pożittiv, ir-riformi introdotti fl-2017, inkluż dwar l-akkwist pubbliku, bħalissa qed jiġu implimentati u xi miżuri pendenti ġew finalment adottati mill-gvern u ntbagħtu lill-Parlament għal aktar diskussjoni. Dawn jinkludu proposti għall-estensjoni tar-rwol tal-Uffiċċju Suprem tal-Awditjar għar-regġuni u l-muniċipalitajiet, u dwar nomini għal Kumpaniji tal-istat, qasam miftuħ għall-kunflitt ta' interess u fejn ir-regolamentazzjoni hija essenzjali. Madankollu, il-proposti dwar il-protezzjoni tal-informaturi u dwar il-lobbying għadhom ma ġewx adottati.
- (9) Iċ-Ċekja qed tgawdi minn prestazzjoni qawwija fis-suq tax-xogħol. L-impjieg żdied b'mod kostanti matul dawn l-aħħar seba' snin u l-qgħad naqas b'mod konsiderevoli. Madankollu, il-potenzjal tas-suq tax-xogħol tan-nisa bi tfal żgħar, il-persuni b'livell baxx ta' ħiliet u l-persuni b'diżabilità għadu mhux utilizzat biżżejjed. Fl-isfond tan-nuqqas ta' ħaddiema, jidher ċar li hemm lok biex tiżdied il-parteciċipazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol. Id-distakk bejn il-ġeneri fl-impjieg u l-pagi għadhom għoljin minkejja l-miżuri reċenti li għamlu l-liv tal-ġenituri iktar flessibbli u żiedu l-għadd ta' faċilitajiet ta' indukrar tat-tfal. Ir-rata tal-impjiegi fost in-nisa tibqa' ferm inqas minn dik tal-irġiel. Id-disponibbiltà baxxa tal-kura tat-tfal bi prezz raġonevoli, drittijiet għal-liv tal-ġenituri twal, użu baxx ta' arranġamenti flessibbli tax-xogħol u n-nuqqas ta' faċilitajiet ta' kura fit-tul għad għandhom impatt ewlieni fuq il-parteciċipazzjoni fis-suq tax-xogħol. Fl-2017 kien hemm biss 6,5 % tat-tfal taħt it-tliet snin li kienu f'ċentri formali tal-indukrar tat-tfal (imqabbel mal-medja tal-Unjoni ta' 34,2 %). Għalkemm dawk b'ħiliet baxxi jiffurmaw proporzjon żgħir mill-popolazzjoni, ir-rata tal-impjiegi tagħhom hija ħafna inqas minn dik tal-ħiliet medji u għolja. B'mod simili, ir-rata ta' impjieg ta' nies b'diżabbiltà għadha baxxa. Minħabba kapaċità limitata, is-servizzi pubbliċi tal-impjiegi bħalissa mhux qed jipprovdu appoġġ personalizzat, kontinwu suffiċjenti lil dawk li qed ifittxu l-impjieg. Aktar kapaċità ta' sensibilizzazzjoni u ta' attivazzjoni fis-servizzi tal-impjieg pubbliku, flimkien ma' politiki effettivi tas-suq tax-xogħol u mmirati sew ikunu ta' għajjnuna biex tiżdied il-parteciċipazzjoni tal-gruppi żvantaġġati.

- (10) Limiti tax-xogħol u demografiċi f'ekonomija intensiva fil-manifattura jeħtieġu aktar investiment fl-edukazzjoni u t-taħriġ, inkluż għall-adulti impjegati, biex jiġi żgurat li l-pajjiż jissodisfa l-isfidi li jġibu magħhom il-bidliet strutturali fl-ekonomija, bħal bidliet teknoloġiċi futuri. Jista' jkun hemm diskrepanzi kwalitattivi fil-ħiliet, inklużi dawk minħabba l-awtomazzjoni u r-robotizzazzjoni futura, b'mod partikolari fis-settur diġitali. L-impjiegi l-ġodda ser jeħtieġu kompetenzi ġodda u investiment sinifikanti, b'mod partikolari f'ħiliet tekniċi vokazzjonali u ħiliet diġitali oġhla, li mistennija jkunu meħtieġa wara l-awtomazzjoni tal-impjiegi mekkaniċi attwali. Għalkemm f'dawn l-aħħar snin saru diversi inizjattivi biex tiġi introdotta strateġija komprensiva tal-ħiliet, dawn għadhom ma żviluppawx f'sistema komprensiva ġenwina.
- (11) L-eżiti tal-edukazzjoni qed ikomplu jiġu affettwati ħafna mill-isfond soċjoekonomiku tal-istudenti. Fl-2016 ġiet introdotta riforma biex l-edukazzjoni ssir aktar inklużiva bl-appoġġ tal-Fond Soċjali Ewropew. Is-suċċess tagħha ser jiddependi fuq id-disponibbiltà ta' finanzjament nazzjonali suffiċjenti u sostenibbli, taħriġ ulterjuri tal-ġhalliema u taħriġ edukattiv, u żieda fl-għarfien pubbliku dwar il-benefiċċji tal-edukazzjoni inklużiva. Filwaqt li b'mod ġenerali l-impatt tar-riforma tal-edukazzjoni inklużiva fuq il-parteciċipazzjoni tat-tfal Rom fl-edukazzjoni regolari kien pożittiv, dan xorta għadu limitat. L-investiment baxx, l-attrazzenza limitata tal-professjoni tal-ġhalliema u l-inugwaljanzi soċjoekonomiċi qed iżommu lura l-livell ta' edukazzjoni miksub. Hemm nuqqas ta' ġhalliema minħabba l-prestiġju baxx tal-impjieg, salarji baxxi meta mqabbla ma' professjonijiet oħra minkejja żidiet reċenti, u opportunitajiet limitati ta' żvilupp fil-karriera. L-attrazzjoni tal-professjoni fit-tagħlim għaż-żgħażaġh b'talent għadha baxxa. Minħabba dan, in-nuqqas ta' ġhalliema kwalifikati flimkien ma' żviluppi demografiċi sfavorevoli mistennija jindikaw li jista' jkun ta' sfida akbar għar-reklutaġġ u ż-żamma ta' ġhalliema fil-futur.

- (12) Minkejja li ċ-Ċekja hija pajjiż ta' tranżitu, it-tlestija tan-networks tat-trasport Ewropej, inkluż il-kurituri tat-TEN-T, għadha 'l bogħod milli tiġi ffinalizzata. L-infrastruttura suburbana tat-trasport għadha wkoll dgħajfa, u tillimita l-affordabilità tal-akkomodazzjoni u l-kapaċità tan-nies li jivvjaġġaw lejn ix-xogħol. Konnessjonijiet tat-trasport dgħajfin qed iservu wkoll ta' deterrent għall-attività tan-negozju, b'mod partikolari f'reġjuni mbiegħda. Filwaqt li l-proċess ta' suburbanizzazzjoni huwa għaddej fiż-żoni metropolitani, in-networks suburbani tat-trasport għadhom lura, b'mod partikolari għall-infrastruttura ferrovjarja. Il-pajjiż iġib punteġġi baxxi f'termini ta' aspetti ta' karbonju baxx, b'mod partikolari l-perċentwal ta' enerġija rinnovabbli fit-trasport u l-użu ta' vetturi elettriċi. Barra minn hekk, it-tkabbir ippjanat tal-infrastruttura tal-iċċarġjar għal vetturi elettriċi jista' ma jkunx biżżejjed biex ikopri d-domanda futura. Aktar investiment fit-trasport sostenibbli jista' wkoll inaqqas it-tniġġis tal-arja u tal-istorbju, filwaqt li jtaffi l-impatt tiegħu fuq is-saħħa pubblika, speċjalment f'żoni urbani. L-infrastruttura diġitali qed titjeb iżda d-differenza bejn iż-żoni urbani u dawk rurali għadha tippersisti, peress li 59 % biss tal-unitajiet domestiċi rurali huma koperti minn networks tal-broadband veloċi. It-titjib ta' networks eqdem abbażi tal-infrastruttura tar-ram flimkien ma' soluzzjonijiet ta' aċċess fissi bla wajers mhux ser ikunu biżżejjed biex jintlaħqu l-għanijiet tal-konnettività tal-2025. Biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tal-konnettività futuri, l-investiment huwa meħtieġ f'networks ta' kapaċità għolja ħafna (jiġifieri tal-fibrottika) u miżuri xierqa min-naħa tad-domanda.
- (13) L-intensità enerġetika tal-ekonomija Ċeka għadha waħda mill-ogħla fl-Unjoni peress li l-effiċjenza fl-enerġija qed titjeb biss bil-mod, b'mod partikolari fis-settur tal-bini. L-intensità tal-enerġija hija l-ogħla fis-setturi industrijali u residenzjali. It-titjib fl-effiċjenza tal-enerġija huwa opportunità biex tiżdied il-kompetittività ta' Ċekja, billi jitnaqqsu l-ispejjeż tal-enerġija għad-djar u n-negozji, jiġu żviluppati industrij aktar nodfa u titħaffef il-katina tal-valur. Il-faħam jiddomina s-settur tal-enerġija u huwa l-akbar sors ta' emissjonijiet tal-karbonju, u huwa ta' theddida sostanzjali għall-kwalità tal-arja lokali. L-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra mit-trasport bit-triq żdiedu b'mod qawwi f'dawn l-aħħar ħames (5) snin. Rigward l-adattament għall-klima u l-prevenzjoni tar-riskju, hemm nuqqas ta' azzjoni xierqa fir-rigward tal-prevenzjoni, it-tnejjija u r-reżiljenza għad-diżastri.

- (14) Il-piż amministrattiv u regolatorju jista' jfixkel l-investment. Ħafna ditti Ċeki jaraw il-piż amministrattiv u regolatorju bħala ostaklu kbir għall-investment. Leġislazzjoni li tinbidel malajr u proċeduri amministrattivi kumplessi jibqgħu ostakli kbar għan-negozju. Il-kost biex jiġu infurzati l-kuntratti, il-bidliet frekwenti fir-regolamenti dwar it-taxxa u x-xogħol u d-diffikultà li jinkisbu permessi għall-bini jistgħu potenzjalment jiskoraġġixxu l-investment fil-pajjiż. L-ammont ta' piż amministrattiv ivarja sostanzjalment ukoll fost ir-reġjuni. Il-proposti reċenti għandhom l-għan li jnaqqsu l-kumplessità tal-proċeduri tal-ippjanar, b'mod partikolari għal proġetti infrastrutturali kbar. Barra minn hekk, il-gvern qed iħejji biex jabbozza liġi ġdida dwar il-kostruzzjoni sal-2021, bl-involviment tas-sħab soċjali. Ir-responsabbiltà għas-sorveljanza tas-suq tal-prodotti hija mifruxa fuq diversi organizzazzjonijiet, tbatu minn xogħol doppju u toħloq sfidi għal koordinazzjoni effiċjenti u kooperazzjoni effettiva.
- (15) Filwaqt li tjiebu f'termini ta' trasparenza u ta' taħriġ ipprovdut, il-prattiki tal-akkwist pubbliku għadhom lura f'termini ta' kompetittività, minħabba l-proporzjon għoli ta' proċeduri b'offerta waħda riċevuta biss, l-użu ta' kriterji ta' kwalità u l-fiduċja fl-istituzzjonijiet pubbliċi. Il-maġġoranza l-kbira tad-deċiżjonijiet dwar l-akkwist pubbliku għadhom ibbażati fuq l-aktar prezz baxx peress li l-adozzjoni ta' approċċ strateġiku għadha pendenti. Kien hemm aktar enfasi fuq l-akkwist ċentralizzat u fuq l-użu ta' għarfien espert kondiviż iżda t-tifrix tagħhom huwa pjuttost kajman, minkejja l-potenzjal ippruvat tagħhom.
- (16) Iċ-Ċekja għadha ma ħolqitx ekosistema ta' innovazzjoni kompletament funzjonanti bbażata fuq ir-riċerka u l-iżvilupp domestiku. Il-pajjiż għadu innovatur moderat fil-livell tal-Unjoni, minkejja żieda fl-intensità tar-riċerka u l-iżvilupp. Din il-prestazzjoni tista' tkun marbuta ma' investment pubbliku li ma għandux strateġija kompletament koerenti biex tiżdied il-prestazzjoni modesta tar-riċerka u titjeb il-kooperazzjoni bejn is-settur privat u l-akkademja. Il-gwadanji fil-produttività huma xprunati l-aktar minn kumpaniji kbar barranin, filwaqt li l-kumpaniji domestiċi għadhom lura f'termini ta' valur miżjud ta' ġenerazzjoni. Barra minn hekk, il-produttività totali tal-fatturi, indikatur ta' kemm qed jintużaw b'mod effiċjenti l-kapital u x-xogħol fil-produzzjoni, qed tikber b'pass relattivament kajman. Enfasi akbar fuq l-innovazzjoni domestika tista' tagħti spinta lill-produttività tul l-ispettru kollu tan-negozju, inkluż għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.

- (17) L-ippogrammar tal-fondi tal-Unjoni għall-perijodu 2021-2027 jista' jgħin biex jiġu indirizzati xi wħud min-nuqqasijiet identifikati fir-rakkomandazzjonijiet, b'mod partikolari fl-oqsma koperti mill-Anness D tar-rapport għall-pajjiż tal-2019. Dan jippermetti li-Ċekja biex tagħmel l-aħjar użu minn daww il-fondi fir-rigward tas-setturi identifikati, filwaqt li jitqiesu d-differenzi reġjonali. It-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva tal-pajjiż għall-ġestjoni ta' dawn il-fondi huwa fattur importanti għas-suċċess ta' dan l-investment.
- (18) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2019, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika ta-Ċekja u ppublikatha fir-rapport tal-pajjiż tal-2019. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Konverġenza tal-2019, il-Programm Nazzjonali ta' Riforma għall-2019 u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati li-Ċekja fis-snin preċedenti. Il-Kummissjoni mhux biss qieset ir-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fi-Ċekja, iżda qieset ukoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-Unjoni, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-Unjoni għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri.
- (19) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Konverġenza tal-2019 u huwa tal-opinjoni<sup>6</sup> li ċ-Ċekja mistennija li tkun konformi mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li ċ-Ċekja tieħu azzjoni fl-2019 u fl-2020 biex:

1. Ittejjeb is-sostenibbiltà fiskali fit-tul tas-sistemi tal-pensjonijiet u l-kura tas-saħħa. Tadotta miżuri pendenti kontra l-korruzzjoni.
2. Trawwem l-impjeg tan-nisa bi tfal żgħar, inkluż billi ttejjeb l-aċċess għal kura tat-tfal affordabbli, u ta' gruppi żvantaġġati. Iżżid il-kwalità u l-inklużività tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ, inkluż billi trawwem il-ħiliet tekniċi u diġitali u tippromwovi l-professjoni tal-għalliema.

---

<sup>6</sup> Skont l-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

3. Tiffoka l-politika ekonomika marbuta mal-investment fuq it-trasport, b'mod partikolari fuq is-sostenibbiltà tiegħu, l-infrastruttura diġitali, u t-transizzjoni b'livell baxx ta' karbonju u t-tranżizzjoni tal-enerġija, inkluża l-effiċjenza fl-enerġija, filwaqt li tqis id-differenzi reġjonali. Tnaqqas il-piż amministrattiv fuq l-investment u tappoġġa aktar kompetizzjoni bbażata fuq il-kwalità fl-akkwist pubbliku. Tneħħi l-ostakli li jxekklu l-iżvilupp ta' ekosistema tal-innovazzjoni li tiffunzjona bis-sħiħ.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---